Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2009

Numru 1218/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Micallef)**
**vs**

**JURGEN XERRI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Jurgen Xerri ta’ 29 sena, iben Carmel u Mary nee’ Spiteri, mwieled Pieta’ fid-19 ta’ Dicembru 1978, residenti Tulip House, Triq Balbi, Marsa, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 151479 M.

Billi gie akkuzat talli:

Fil-Marsa, fis-6 ta’ Dicembru 2008, matul il-jum fl-inhawi tal-Marsa Sports Ground, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti minn gewwa vettura ta’ l-ghamla Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni EBC 396, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi s-somma ta’ €232.94 izda inqas minn €2329.37c, u li sehh ghad-detriment ta’ Ishmael Cocker, u/jew ta’ persuna jew persuni ohra;

U aktar talli fis-6 ta’ Dicembru 2008, u/jew qabel jew wara din id-data, f’dawn il-Gzejjer xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, u cioe’ stereo/dvd, amplifier tal-marka Pioneer u sub-woofer tal-marka Caliber, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reati, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti gejjin minn reat ta’ serq ikkwalifikat bil-valur;

Gie akkuzat ukoll talli kiser il-provdimenti ta’ l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta’ Malta;

U finalment gie akkuzat ukoll talli sar recediv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jsitghux jigu mibdula jew imhassra.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok JMP1 u nnutat li l-imputat Jurgen Xerri m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Jesmond Micallef iddikjara li aktar kmieni dalghodu gie nfurmat minn Dr Charmaine Cherrett li l-

imputat kien ser jirregistra ammissjoni fuq xi akkuzi migjuba kontra tieghu. Konsegwentement l-istess Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Jesmond Micallef ghall-Prosekuzzjoni iddikjara li t-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat, liema akkuza tirrigwarda ricettazzjoni, inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda serq ikkwalifikat u ghaldaqstant talab lill-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imputat.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tieni akkuza migjuba kontra tieghu li tirrigwarda ricettazzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tieni akkuza migjbua kontra tieghu li tirrigwarda ricettazzjoni.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 31, 49, 50, 289, 261(b), (c), (e) u (g), 263, 267, 269, 271(g), 278(3), 279(a), 280(2) u 281(b) tal-Kap. 9 u l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Jurgen Xerri, fuq ammissjoni, hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tieni akkuza migjuba kontra tieghu li tirrigwarda ricettazzjoni u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali xejn felici tal-imputat tikkundanna lill-imputat Jurgen Xerri ghall-piena komplessiva ta’ erba’ (4) snin u sitt (6) xhur prigunerija.

Rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat Jurgen Xerri, liema akkuza tirrigwarda ricettazzjoni, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Jesmond Micallef ghall-Prosekuzzjoni fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din it-tieni akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuti tal-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------